# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2002

**Numru 40**

**Avviz numru 919/01DM**

**Mizzi Finance Limited**

**vs**

**Andrew Alexander Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permess ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tmien mitt liri maltin (Lm2,800) oltre l-imghax legali rapprezentanti somom dovuti minnu skond tmienja u ghoxrin kambjala ta' mitt lira (Lm100) l-wahda liema kambjali huma kollha skaduti, kopji taghhom esebiti minn Dokument A1 sa A5 u Dokument B1 sa B5 izda mhux imhallsin.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 2001 kif ukoll tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' l-avviz. Bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjali relattivi. Bl-ingunzjoni tal-konvenut

ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti rat ukoll il-kambjali originali prezentati b'nota, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn u tmien mitt lira maltin (Lm2800) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-iskadenza ta' kull kambjala; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va